**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 238**
**It-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2024 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### TQASSIM TA' POSTIJIET MIBNIJA ĠODDA

**11394. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu postijiet mibnija ġodda matul is-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li tiġi fiha mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

13/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Irrid nibda nwieġeb lill-Onor. Interpellant billi nirrimarka kif is-settur tal-housing, ftit inqas minn 11-il sena ilu kien fil-qiegħ tal-aġenda politika tal-Gvern ta' dak iż-żmien. Mhux biss is-settur innifsu, iżda wkoll dawk l-eluf ta' familji li minħabba ċ-ċirkostanzi soċjali tagħhom kellhom bżonn l-assistenza tal-Istat biex ikollhom saqaf diċenti u dinjituż.
Writna waiting list li teċċedi it-3,000. Illum niżżilniha għal madwar 1,500. Biżejjed? Le.
Kellna nkunu aħna li nelevaw lis-settur u lil dawn il-familji. Il-politika tagħna mibnija fuq il-ġustizzja soċjali u l-mobilità soċjali.
Naqqasna n-nies fuq il-waiting list u żidna d-disponibbiltà tal-housing. Din is-sena qegħdin fit-triq it-tajba biex negħlbu r-rekords preċedenti, u b'hekk issir sena importanti għas-settur tal-housing.
Fl-aħħar sentejn biddilna u se nbiddlu l-futur ta' 440 familja li se jgħixu taħt saqaf diċenti u dinjituż.
U dawn iċ-ċifri lanqas biss jinkludu dak li qed itina l-privat fl-iskema Nikru biex Nassitu.
Mill-2017 'l hawn, il-privat żied 1,100 appartament fis-suq u qed jgħinna nsaħħu l-isforzi tagħna.
Dan huwa l-mod kif qed inżewwġu s-suċċess ekonomiku tas-settur privat mal-bżonn soċjali ta' eluf ta' familji.
Dan huwa messaġġ b'saħħtu ta' fiduċja fil-politika tal-Gvern għas-settur tal-housing mis-settur privat.
Barra minn hekk, irrid insemmi l-ħidma tal-Awtorità li tiġbor ċwievet ta' familji li jkunu avvanzaw f'ħajjithom u għalhekk ma jkollhomx bżonn aktar l-assistenza tagħna.
Lil hinn miċ-ċifri, dawn mhumiex sempliċiment numri jew suċċessi ta' dan il-Gvern. Dawn huma familji li llum bdew jew se jibdew jifformaw il-futur tagħhom u ta' wliedhom. Dawn huma stejjer Maltin ta' suċċess li dħalna fil-politika għalihom, biex inbiddlu u nagħmlu differenza pożittiva fil-ħajja ta' dawn in-nies u ta' oħrajn bħalhom.
Konna, għadna u se nibqgħu naħdmu favur il-ħaddiem, favur il-familji Maltin u Għawdxin.

Seduta 238
06/05/2024

### PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT

**17481. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inqabdu persuni jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi, irregolarment fl-2021?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi din hi ħidma ta' moniteraġġ kontinwu mill-awtoritajiet kompetenti. Fis-snin riċenti nqabdu 4201 intrapriża, jew min iħaddem, iħaddmu persuni minn pajjiżi terzi. Minn dawn, 1060 nqabdu fl-2021, 1446 inqabdu fl-2022 u 1695 inqabdu fl-2023. Infurmat ukoll li hemm proċeduri amministrattivi /jew kriminali fil-konfront tagħhom.

Seduta 238
06/05/2024

### PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT

**17482. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inqabdu persuni jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi, irregolarment fl-2022?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17481.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT**

**17483. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inqabdu persuni jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi irregolarment fl-2023?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17481..

Seduta 238
06/05/2024

**PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT - MULTI**

**17484. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu multi lill-persuni li nqabdu jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi irregolarment fl-2021?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17481.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT - MULTI**

**17485. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu multi lill-persuni li nqabdu jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi irregolarment fl-2022?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17481.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSUNI LI NQABDU JĦADDMU IMMIGRANTI MINN PAJJIŻI TERZI IRREGOLARMENT - MULTI**

**17486. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu multi lill-persuni li nqabdu jħaddmu immigranti minn pajjiżi terzi irregolarment fl-2023?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17481.

Seduta 238
06/05/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17892. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| Dipartiment/ Entità /Aġenzija | Suġġett tal-artiklu | Data meta xxandar l-artiklu | Isem tal-gazzetti fejn inxtara l-artiklu | Intervista jew rapport | Nefqa € VAT eskl. | Informazzjoni ohra |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Servizz Pubbliku | | Frar 2024 | magażin Sagħtar | | 609.00 | artiklu fuq Magażin Sagħtar Ħarġa 383 - Frar |
| | | Marzu 2024 | magażin Sagħtar | | 609.00 | artiklu fuq Magażin Sagħtar Ħarġa 384 - Marzu |
| | 62 public consultations in 2023 | 07/01/2024 | Sunday Times | Artiklu | 1,300.00 | |
| | An economy with social conscience | 04/02/2024 | Sunday Times | Artiklu | 1,300.00 | |
| | Stabbilta-A key Public Service initiative to combat inflation | 03/03/2024 | Sunday Times | Artiklu | 1,300.00 | |
| | Community Services for Older Persons | 21/01/2024 | Media Today | Artiklu | 900.00 | |
| | | | | | | |
| MITA | MITA Cares | 21/01/2024 | Malta Today* | Rapport | 550.00 | * il-prezz jinkludi ukoll artikli online |
| | Malta Government Network (MAGNET) refresh Project | 25/02/2024 | Malta Today* | Rapport | 550.00 | * il-prezz jinkludi ukoll artikli online |
| | Cyber Assess Scheme | 24/03/2024 | Malta Today* | Rapport | 550.00 | * il-prezz jinkludi ukoll artikli online |
| | Nesploraw Avventuri Teknoloġiċi: Vjaġġ ta' Solutions Architect fil-MITA | 04/03/2024 | StudentIllum | Rapport | 650.00 | |

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMI U DJALOGU SOĊJALI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17893. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu 2024, il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riforma u Djalogu Soċjali ma nefaqx flus fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti**.**

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17894. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba u mgħoddija lili.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17895. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-1 ta' Jannar 2024 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari ma kien hemm l-ebda nefqa fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17896. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17897. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li sa mill-bidu tas-sena sa issa ma ntefqu l-ebda ammonti ta' flus fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli u/jew mill-entitajiet relatati.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18541. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tagħha matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa l-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjatma għandu l-ebda Direttiva bi skadenza għat-traspożizzjoni li taħbat fis-sena 2024 u għalhekk ma għandu l-ebda Direttiva li għadha pendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18542. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar m'għandu l-ebda Direttiva bi skadenza għat-traspożizzjoni li taħbat fis-sena 2024 u għalhekk m'għandu l-ebda Direttiva li għadha pendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18543. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12962.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18544. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa l-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika m'għandu l-ebda Direttiva bi skadenza għat-traspożizzjoni li taħbat fis-sena 2024 u għalhemm m'għandu l-ebda Direttiva li għadha pendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18545. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk id-Direttivi li jaqgħu taħt il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħolijiet Pubbliċi u li għandhom terminu ta' skadenza għat-traspożizzjoni fis-sena 2024 huma s-segwenti:

| **Direttiva** | **Skadenza** |
|---|---|
| Direttiva (UE) 2022/362 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħhas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta'ċerti infrastrutturi | 25/03/2024 |
| Direttiva (UE) 2023/946 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/25/KE fir-rigward tal-inklużjoni ta' rekwiżiti mtejba tal-istabbiltà u l-allinjament ta' dik id-Direttiva mar-rekwiżiti tal-istabbiltà definiti mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali | 05/12/2024 |

Dawn id-Direttivi kollha għadhom ma ġewx trasposti fil-liġi nazzjonali u għalhekk għadhom kollha pendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA LI ĠEW IMPLIMENTATI**

**18546. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'direttivi tal-Unjoni Ewropea ġew implimentati mill-Ministeru tiegħu matul is-sena 2024 u liema huma dawk li għadhom pendenti?

17/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dik id-Direttiva li taqa' taħt il-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapri¿a u Proġetti Strateġiċi u li għandha skadenza għat-traspo¿izzjoni fis-sena 2024 hija s-segwenti:

| **Direttiva** | **Skadenza** |
|---|---|
| Direttiva (UE) 2019/1023 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar oqsma ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u l-iskwalifiki, u dwar mi¿uri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn, u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar l-insolvenza | 17/07/2024 |

Din id-Direttiva ġiet parzjalment trasposta fil-liġi nazzjonali għajr għall-Artikolu 28 li għandu data ta' skadenza 17/07/24

Seduta 238
06/05/2024

**BORD NAZZJONALI TAL-PRODUTTIVITÀ - MEMBRI**

**18675. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord Nazzjonali tal-Produttività, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

19/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**BORD NAZZJONALI TAL-PRODUTTIVITÀ - MEMBRI**

**18676. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord Nazzjonali tal-Produttività, x'inhi l-kariga tagħhom u kemm ilhom membri ta' dan il-Bord?

19/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**DJAR TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX – WAITING LIST GĦAS-SERVIZZ TA' PHYSIOTHERAPY**

**18694. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex jingħata servizz ta' physiotherapy mill-Gvern fid-djar tal-anzjani f'Għawdex fil-preżent?

22/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistqosija parlamentari lill-Ministeru kkonċerant.

Seduta 238
06/05/2024

**GĦAWDEX – SERVIZZ TA' RIJABILITAZZJONI GĦALL-ANZJANI**

**18695. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'servizzi ta' rijabilitazzjoni għall-anzjani hemm f'Għawdex bħalma jingħata fl-Isptar Karin Grech, f'Malta?

22/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li d-dipartiment tal-fiżjoterapija fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex joffri servizz kemm inpatient kif outpatient.

Seduta 238
06/05/2024

**IX-XEWKIJA (GĦAWDEX) – TRIQ IL-PITKALIJA - ASFALT**

**18696. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10780 li ngħatat fil-11 ta' Lulju 2023, dwar x'inhuma r-raġunijiet li Triq il-Pitkalija, fix-Xewkija Għawdex, ilha għal aktar minn tliet snin b'kisja waħda ta' asfalt u meta hi ppjanata li tingħata l-aħħar kisja sabiex din tkun lesta u fid-dawl li t-tweġiba kienet "tlabt lid-dipartiment ikkonċernat sabiex tali kisja tingħata", jista' l-Ministru jgħid għaliex għaddew iktar min tliet xhur u din it-triq għadha b' kisja waħda asfalt u jgħid ukoll meta ser tingħata t-tieni kisja?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan ix-xogħol se jsir fiż-żmien li ġej.

Seduta 238
06/05/2024

**GĦAWDEX - BINI TA' FIRE STATION**

**18697. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din il-Leġiżlatura hemmx ħsieb li jinstab post ġdid u tinbena fire station skont Standards Ewropej għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ġewwa Għawdex, sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet u bżonnijiet preżenti u futuri tal-gżira Għawdxija?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**PROĠETT TA' BINI MILL-ĠDID TA' TOROQ - PROĊESS**

**18698. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinbnew mill-għdid Triq Għajn Abdul u Triq Wied Juno li tgħaqqad ir-raħal ta' Santa Luċija mar-raħal ta' San Lawrenz, permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropea, mill-programmi ta' fondi ta' bejn is-snin 2014-2020 li ngħataw lill-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll f'liema xahar u sena hu ppjanat li jinbeda u jitlesta x-xogħol f'dawn l-imsemmija toroq?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa qiegħda tinħadem is-sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – PROĠETTI F'GĦAWDEX TAĦT IL-PROGRAMM THE CONNECTING EUROPE FACILITY 2021-2027**

**18699. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-proġetti f'Għawdex li l-Ministeru għal Għawdex applika sa issa jew hemm ħsieb li japplika għalihom sabiex isiru mill-programm 'The Connecting Europe Facility 2021-2027' u jgħid liema minnhom ġew aċċettati, liema ma ġewx aċċettati, kemm ingħataw flus s'issa u kemm se jingħataw flus lill-Ministeru għal Għawdex minn dan il-fond għal dawn il-proġetti?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar huwa dejjem attent għall-applikazzjonijiet u opportunitajiet ta' fondi Ewropej, inkluż il-Programm Connecting Europe Facility, u jekk jidentifika xi sejħa li hija ta' benefiċċju għal Għawdex u li taqa' taħt il-mandat tiegħu jissottometti l-applikazzjoni meħtieġa.

Seduta 238
06/05/2024

**L-IMĠARR, MALTA - TAL-PALMA - ENFORCEMENT NOTICES MAĦRUĠA MILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**18723. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' enforcement notices li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet f'Tal-Palma, limiti tal-Imġarr, Malta, mill-2005 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'kienu l-azzjonijiet li l-Awtorità ħadet f'kull wieħed mill-każijiet u jelenka x'kienu l-effetti tal-azzjonijiet li l-Awtorità ħadet?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra lista ta' notifiki ta' Twettieq u Infurzar, maħruga mill-Awtorità ta' l-Ippjanar fiż-żona Tal-Palma limiti tal-Imġarr Malta, bejn 2005 u 2024.

Seduta 238
06/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - EC/00144/08**

**18724. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istatus ta' EC/00144/08, x'kienu l-azzjonijiet li l-Awtorità tal-Ippjanar ħadet fir-rigward ta' din il-kontravenzjoni u/jew illegalità u jelenka x'kienu l-effetti tal-azzjonijiet li l-Awtorità ħadet?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li EC144/08 huwa każ magħluq, stante li kien sar żball billi l-plotting tas-sit ma kienx ikopri l-illegalitajiet suġġetti għal din in-notifika. Minħabba f'hekk inħarget notifika oħra f' EC134/21.

Seduta 238
06/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - EC/00134/21**

**18725. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istatus ta' EC/00134/21, x'kienu l-azzjonijiet li l-Awtorità tal-Ippjanar ħadet fir-rigward ta' din il-kontravenzjoni u/jew illegalità u jelenka x'kienu l-effetti tal-azzjonijiet li l-Awtorità ħadet?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet Notifika ta' Twettieq u Infurzar skont EC134/21 - maħruġa nhar il-15 ta' Ottubru 2021 - li għadha attiva.

Seduta 238
06/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - EC/00868/00**

**18726. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-istatus ta' EC/00868/00, x'kienu l-azzjonijiet li l-Awtorità tal-Ippjanar ħadet fir-rigward ta' din il-kontravenzjoni u/jew illegalità u jelenka x'kienu l-effetti tal-azzjonijiet li l-Awtorità ħadet?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li EC868/00 huwa magħluq stante li ġiet sottomessa applikazzjoni biex tissannzjona l-iżvilupp, PA5267/00, liema applikazzjoni ġiet approvata fit-2 ta' Settembru 2003.

Seduta 238
06/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - AVVIŻ LEGALI 96 - APPLIKAZZJONIJIET**

**18727. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' kemm saru applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, relatati mal-Avviż Legali 96 tal-2023, Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti tal-2016, maqsuma lokalità lokalità, kemm minnhom ġew approvati, kemm minnhom ġew miċħuda u kemm minnhom għadhom pendenti?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi d-dettalji mitluba tal-applikazzjonijiet għal regolarizzazzjoni kompluti, li rċeviet l-Awtorità tal-Ippjanar, relatati ma' siti li jaqaw jew f'Category 1 ODZ Settlement jew siti li jestendu parzjalment barra miż-Żona tal-Iżvilupp.

L-informazjoni nġabret mis-sistema tal-informatika tal-Awtorità tal-Ippjanar fid-29 ta' April 2024.

Seduta 238
06/05/2024

**L-IMĠARR, MALTA - TAL-PALMA - SANZJONAR U/JEW REGOLARIZZAZZJONI**

**18728. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jippreżenta lista ta' applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għal sanzjonar u/jew regolarizzazzjoni f'Tal-Palma, limiti tal-Imġarr, Malta, mill-2005 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u x'inhu l-istatus ta' kull waħda minn dawn l-applikazzjonijiet?

22/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi d-dettalji mitluba tal-applikazzjonijiet għal sanzjonar fl-Mġarr li fl-indirizz tas-sit kif provdut mill-perit tal-applikazzjoni għandhom il-kliem "Tal-Palma" jew "Il-Palma", u li fil-proposta għall-iżvilupp hemm il-kelma "sanction" jew "sanzjon". Ma rriżultaw l-ebda applikazzjonijiet għal regolarizzazzjoni li għandhom il-kliem "Tal-Palma" jew "Il-Palma" fl-indirizz tas-sit kif provdut mill-perit. Biex tiġi provduta lista eżawrjenti, l-Onorevoli Interpellant ikun irid jipprovdi site plan taż-żona li tinteressah.

Seduta 238
06/05/2024

**TRANSPORT MALTA - CYBER-ATTACK FUQ IS-SERVERS - INVESTIGAZZJONIJIET**

**18747. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'irriżulta mill-investigazzjoni li saret fuq is-cyber-attack li kien ġie rappurtat li sar fuq is-servers ta' Transport Malta f'Ottubru 2020? Jista' jgħid ukoll kienx ġie determinat jekk intilfitx jew insterqitx data jew le f'dan l-attakk?

23/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18774. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tagħha?

24/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17417.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18775. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17418.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18776. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17419.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18777. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Membri tas-Segretarjat tal-Ministeru ġew impjegati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18778. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17421.

Seduta 238
06/05/2024

**KOORDINATUR TAL-KOMUNIKAZZJONI - KUNTRATT**

**18779. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt tal-koordinatur tal-komunikazzjoni tal-Ministeru tiegħu?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17422.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-GUDJA – INVESTIGAZZJONI DWAR ILLEGALITÀ**

**18791. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'investigazzjoni saret dwar ir-rapport bin-numru CM1504/23 li sar mill-Kunsill Lokali tal-Gudja dwar spazju li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ? Jista' jikkonferma jekk hemmx illegalità u x'azzjoni qed tittieħed?

24/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saret l-investigazzjoni dwar ir-rapport bin-numru CM1504/23. B'riżultat ta' din l-investigazzjoni, inħareġ Avviż ta' Twettieq u Infurzar bin-numru EC77/24 bil-multa għal kull ġurnata.

Seduta 238
06/05/2024

**PARKINSON'S DISEASE - NUMRU TA' PERSUNI**

**18803. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għandha l-kundizzjoni tal-Parkinson's ġewwa pajjiżna? Jista' l-Ministru jaqsam din l-informazzjoni skont l-età ta' dawn il-persuni?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 109 admission fl-isptar Mater Dei b'dijanjożi ta' Parkinson's.

Seduta 238
06/05/2024

**FIBROMYALGIA – NUMRU TA’ PERSUNI**

**18804. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għandha l-Fibromyalgia ġewwa pajjiżna? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-età ta' dawn il-persuni?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 12-il admission fl-isptar Mater Dei b’dijanjożi ta’ Fibromyalgia.

Seduta 238
06/05/2024

**MULTIPLE SCLEROSIS - NUMRU TA’ PERSUNI**

**18805. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għandha Multiple Sclerosis ġewwa pajjiżna? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-età ta' dawn il-persuni?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 16-il admission fl-isptar Mater Dei b’dijanjożi ta’ Multiple Sclerosis.

Seduta 238
06/05/2024

**ALS – NUMRU TA’ PERSUNI**

**18806. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għandha l-ALS ġewwa pajjiżna? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-età ta' dawn il-persuni?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 22 admission fl-isptar Mater Dei b’dijanjożi ta’ ALS.

Seduta 238
06/05/2024

**ARTHRITIS - NUMRU TA’ PERSUNI**

**18807. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għandha l-artrite ġewwa pajjiżna? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont l-età ta' dawn il-persuni?

24/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 51 admission fl-isptar Mater Dei b’dijanjożi ta’ artrite.

Seduta 238
06/05/2024

**WEGĦDA ELETTORALI**

**18809. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18468, li oriġinarjament saret lill-Prim Ministru u li issa ġiet referuta lilu u jgħid jekk il-wegħda elettorali tal-Partit Laburista: "Waqt il-pandemija, l-internet kien l-uniku mezz li bih ħafna anzjani setgħu jikkomunikaw mal-maħbubin tagħhom. Bil-ħsieb li niġġieldu s-solitudni u l-firda diġitali, l-anzjani li jirċievu l-għajnuna supplimentari minħabba dħul baxx ser ikunu jistgħu japplikaw għal servizz ta' internet bażiku b'xejn", ġietx implimentata u jekk iva jagħti d-dettalji dwarha?

25/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**WEGĦDA ELETTORALI**

**18810. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18468, li oriġinarjament saret lill-Prim Ministru u li issa ġiet referuta lilu u jgħid jekk il-wegħda elettorali tal-Partit Laburista: "Waqt il-pandemija, l-internet kien l-uniku mezz li bih ħafna anzjani setgħu jikkomunikaw mal-maħbubin tagħhom. Bil-ħsieb li niġġieldu s-solitudni u l-firda diġitali, l-anzjani li jirċievu l-għajnuna supplimentari minħabba dħul baxx ser ikunu jistgħu japplikaw għal servizz ta' internet bażiku b'xejn", ġietx implimentata u jekk iva jagħti d-dettalji dwarha?

25/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità jipprovdi internet b'xejn fiċ-Ċentri għal-Anzjanità Attiva kollha li jinsabu madwar Malta, kif ukoll fid-djar Residenzjali.

Seduta 238
06/05/2024

**NSDF – TRANSFERABLE LOAN NOTE INSTRUMENT – KUMPANIJA IVOLUTA**

**18811. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għar-Rapport Annwali u l-Financial Statements tal-Fond Nazzjonali u Soċjali ta' Żvilupp (NSDF) għas-sena 2021, jista' l-Ministru jagħti l-isem tal-kumpanija involuta fit-Transferable Loan Note Instrument ('TLNI') ta' USD25 miljun, hekk kif hemm miktub f'paġna 49 tal-istess Rapport Annwali?

25/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**NSDF – TRANSFERABLE LOAN NOTE INSTRUMENT – KUMPANIJA IVOLUTA**

**18812. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għar-Rapport Annwali u l-Financial Statements tal-Fond Nazzjonali u Soċjali ta' Żvilupp (NSDF) għas-sena 2021, jista' l-Ministru jagħti l-isem tal-kumpanija involuta fit-Transferable Loan Note Instrument ('TLNI') ta' USD25 miljun, hekk kif hemm miktub f'paġna 49 tal-istess Rapport Annwali?

25/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**ĦAS-SAPTAN/ĦAL GĦAXAQ - SIT TA' ŻONA SPEĊJALI TA' KONSERVAZZJONI**

**18815. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18484 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18118, peress li l-azzjoni ta' infurzar imsemmija fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1924 tirrigwarda aċċess għal proprjetà tal-Gvern li dwarha nbdiet azzjoni ta' infurzar mill-Awtorità tal-Artijiet u mhux mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif proprju tikkonferma l-istess tweġiba fejn jingħad li l-Awtorità tal-Artijiet ikkonfermat l-illegalità u qed tinvestiga l-każ, jista' l-Ministru jgħid x'ġie konkluż mill-investigazzjonijiet li kienet bdiet l-Awtorità tal-Artijiet minn dakinhar sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'azzjoni ser tieħu dwarhom?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-bieb li għalih issir riferenza fil-mistoqsija parlamentari 1924 illum jagħti għal biċċa art propjetà tal-Gvern li hija mikrija lill-persuna inkwistjoni wara l-ħruġ ta' tender.

Seduta 238
06/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - INGAĠĠ TA' LECTURERS TAL-MALTI**

**18816. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17813, 18185 u 18570 u jagħti separatament, kemm-il ingaġġ ta':

a. lecturer tal-Malti u
b. visiting lecturer tal-Malti

għamlet l-Università ta' Malta mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari mingħajr sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li fl-Università ta' Malta ma kien hemm l-ebda ingaġġ ta' lecturers tal-Malti jew ta' visiting lecturers tal-Malti mingħajr sejħa pubblika.

Seduta 238
06/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - INGAĠĠ TA' LECTURERS TAL-INGLIŻ**

**18817. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17814, 18186 u 18571 u jagħti, separatament, kemm-il ingaġġ ta':

a. lecturer tal-Ingliż u
b. visiting lecturer tal-Ingliż

għamlet l-Università ta' Malta mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari mingħajr sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li fl-Università ta' Malta ma kien hemm l-ebda ingaġġ ta' lecturers tal-Ingliż jew ta' visiting lecturers tal-Ingliż mingħajr sejħa pubblika.

Seduta 238
06/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - INGAĠĠ TA' LECTURERS TAL-EKONOMIJA**

**18818. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17815, 18187 u 18572 u jagħti, separatament, kemm-il ingaġġ ta':

a. lecturer tal-Ekonomija u

b. visiting lecturer tal-Ekonomija

għamlet l-Università ta' Malta mill-2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari mingħajr sejħa pubblika għall-applikazzjoniji?

25/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li fl-Università ta' Malta ma kien hemm l-ebda ingaġġ ta' lecturers tal-Ekonomija jew ta' visiting lecturers tal-Ekonomija mingħajr sejħa pubblika.

Seduta 238
06/05/2024

**SERQ IRRAPPURTAT**

**18822. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il serqa ġiet irrappurtata matul is-sena 2022 separatament għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex? Jista' jaqsam din l-informazzjoni skont is-serq minn fejn sar, pereżempju minn residenza, karozza, fuq persuni, eċċ.?

25/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' serq irrapurtat f'dawn il-gżejjer fis sena 2022, separatament għal kull lokalità, kien kif jidher fit-tabella hawn annessa ma' din it-tweġiba. Qed inpoġġi din l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 238
06/05/2024

**XOGĦOL TA' KONSULENZA**

**18830. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament hijiex impjegata jew qed tagħmel xi xogħol ta' konsulenza tal-Ministru? Jekk iva, jista' jgħid x'inhu s-salajru/l-ammonti li qiegħda titħallas?

25/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-persuna msemmija hija mpjegata mal-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u li bħal issa tinsab fuq "Unpaid Leave" u li mhux qed tagħmel l-ebda xogħol ta' Konsulenza mal-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli.

Seduta 238
06/05/2024

**TALBA GĦAL ASSISTENZA - APPELL**

**18831. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk applikant li għamel talba biex jibda jirċievi xi tip ta' assistenza, jistax jappella mid-deċiżjoni li tkun maħruġa mill-bord?

25/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, d-dritt għall-appell minn deċiżjonijiet tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jemanixxi mill-Artikolu 108 tal-Att dwar is-Sigutà Soċjali (Kap 318). Dan l-Artikolu jirregola d-dritt ta' appell.

Tajjeb jingħad illi d-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-bordijiet mediċi kien tneħħa fl-2004, u dan bis-saħħa ta' emendi legali fl-Att permezz ta' Bill II.2004.31.

Bis-saħħa ta' dawn l-istess emendi, daħal is-subartikolu (ii) fl-Artikolu 108, fejn minflok appell kien iddaħħal id-dritt li wieħed jitlob revizjoni jew rikonsiderazzjoni minn bord mediku diversament kompost mill-ewwel bord li jkun ċaħad applikazzjoni għal xi benefiċċju b'element mediku.

Seduta 238
06/05/2024

**KAŻ TA' ENCROACHMENT**

**18832. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ħanut li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, għandux permess ta' encroachment? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-site plan ta' din l-encroachment?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument impoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra mat-twegiba għall-mistoqsija parlamentari 18492.

Seduta 238
06/05/2024

**KAŻ TA' ENCROACHMENT**

**18833. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ħanut li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, għandux permess għal encroachment? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-site plan ta' fejn għandu l-encroachment?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument impoġġi fuq il-mejda tal-kamra mat-twegiba għall-mistoqsija parlamentari 18492.

Seduta 238
06/05/2024

**ENCROACHMENTS**

**18834. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18492, jista' l-Ministru mhux biss jipprovdi l-lista ta' fejn hemm encroachments imma jagħti s-site plan tal-encroachment li jkun ma' kull permess ta' KULL min qiegħed fuq din il-lista?

25/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 238
06/05/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - POLICY DWAR ENCROACHMENTS**

**18835. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18493, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-policy li għandha l-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-encroachments u x'inhi l-proċedura li tintuża biex toħroġ encroachment? Jista' jgħid ukoll jekk ikunx hemm tenders/avviżi fil-pubbliku għal dan?

25/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar m'għandha l-ebda Policy fuq encroachments u dan għaliex l-Awtorità tal-Ippjanar ma toħroġx permessi għal encroachments imma toħroġ biss permessi għal użu tal-art. Għaldaqstant l-Awtorità m'għandha l-ebda proċeduri biex jinħarġu encrochments u m'hemm l-ebda tender u/jew avviżi fil-pubbliku f'dan ir-rigward.

Seduta 238
06/05/2024

**ANZJANI LI JIDĦLU FI DJAR TAL-ANZJANI - SERVIZZI U INĊENTIVI FINANZJARJI U FISKALI**

**18873. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux pjan li jagħti aktar servizzi u inċentivi finanzjarji u fiskali lil dawk l-anzjani li jidħlu fi djar tal-anzjani privati? Jekk iva, jista' jgħid x'inhuma dawn is-servizzi u inċentivi u minn meta se jibdew?

26/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**RESPITE FID-DAR**

**18877. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm anzjani għamlu użu mis-servizz 'Respite fid-Dar' fis-sena 2023 kif ukoll din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2023, 256 klijent għamlu użu mis-Servizz ta' Respite fid-Dar. Minn Jannar 2024 sal-lum, 358 klijenti qed jagħmlu użu mill-istess servizz.

Seduta 238
06/05/2024

**RESPITE RESIDENZJALI**

**18878. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm anzjani għamlu użu mis-servizz 'Respite Residenzjali' fis-sena 2023 kif ukoll din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li is-sena 2023, 209 klijent għamlu użu mis-Servizz ta' Respite Residenzjali. Minn Jannar 2024 sal-lum, 50 klijent għamlu użu mill-istess servizz.

Seduta 238
06/05/2024

**DJAR TAL-ANZJANI – SERVIZZ TA' RESPITE FID-DAR**

**18879. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema huma d-djar tal-anzjani li joffru s-servizz ta' Respite Residenzjali fi-djar tagħhom?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratti kollha li jsiru ma' djar tal-anzjani jkopru sodod għal respite. In-numru ta' djar ivarja skond il-ħtieġa u is-soddod vakanti disponibbli, għaliex sodda ta' respite tista' tiġi użata għal kura fit-tul. Dan isir skont l-eżiġenza.

Seduta 238
06/05/2024

**SAN VINĊENZ DE PAUL – LISTA TA' STENNIJA**

**18880. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani qed jistennew biex jidħlu fil-Faċilità San Vinċenz de Paul wara li sarilhom l-assessment u ġie stabbilit li għandhom jiġu rikoverati f'din il-Faċilità sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li hemm seba' persuni jistennew biex jidħlu f'San Vinċenz de Paul ( Kategorija 1 – Dependenza Għolja).

Seduta 238
06/05/2024

**DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA**

**18881. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm anzjani jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani wara li sarilhom l-assessment u ġie stabbilit li għandhom jiġu rikoverati f'dar tal-anzjani sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 1,670 anzjan li qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani sal-ġurnata li fiha ġiet mwieġba din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta 238
06/05/2024

**KSUR TAL-LIĠIJIET DWAR IL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – PERSUNI LI ĠEW IMRESSQA L-QORTI**

**18897. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18505, jista' l-Ministru jgħid kemm mill-ispezzjonijiet li nstab xi forma ta' ksur tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-annimali tressqu l-Qorti u kemm instabu ħatja?

29/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' persuni li tressqu l-Qorti mill-Pulizija fis-snin 2021, 2022 u 2023, kien kif jidher fit-tabella hawn taħt, li tinkludi n-numru tal-persuni li nstabu ħatja sallum għax diversi każi għadhom sub-judice. Il-Pulizija ma jkolliex dettalji ta' dawk il-każi fejn jiġu mposti pieni amministrattivi kif provdut fil-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

| Persuni li ġew imressqa l-Qorti fuq ksur tal liġijiet dwar ħarsien tal-annimali mill-Pulizija | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' persuni mressqa l-Qorti 2021 | Misjuba ħatja 2021 sat- 2/5/24 | Numru ta' persuni mressqa l-Qorti 2022 | Misjuba ħatja 2022 sat- 2/5/24 | Numru ta' persuni mressqa l-Qorti 2023 | Misjuba ħatja 2023 sat- 2/5/24 |
| 14 | 14 | 26 | 7 | 15 | 4 |

Seduta 238
06/05/2024

**DIŻABILITÀ SEVERA - BENEFIĊĊJU**

**18898. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18012 u jgħid kemm kien in-numru ta' applikazzjonijiet li saru u li minnhom ġew milqugħa mill-Bord Mediku għal Benefiċċju ta' Diżabilità Severa maqsuma għal kull sena bejn l-2013 u l-2024?

29/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

* Fit-2015 tneħħa s-ceiling (paga minima) ta' kemm wieħed seta' jaqla' mix-xogħol u jieħu l-assistenza (dak iż-żmien kienet tissejjaħ pensjoni)
** Fl-2017 saret ir-riforma li qasmet iż-żewġ pensjonijiet li kien hemm (b'ammonti ugwali) għal tlett Assistenzi (b'ammonti varjabbli skont il-grad ta' diżabilità) – tneħħa it-test tal-mezzi fuq l-Assistenza għal Diżabiltà Severa Miżjuda
*** Fl-2022 tneħħa t-test tal-mezzi minn fuq iż-żewġ assistenzi l-oħra
**** 106 applikazzjoni minn dawn għadhom jistennew l-iskrutinju tal-bord mediku.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-QRENDI – COMMUNITY CLINIC**

**18899. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta se tkun lesta l-community clinic ġewwa l-Qrendi sabiex tibda topera u tagħti s-servizzi meħtieġa kollha lir-residenti ta' din l-istess lokalità?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bħala pjan tal-Primary HealthCare rigward kliniċi tal-komunità, is-servizz ħolistiku jinkorpora team multidixxiplinarju sabiex jaqdi żona ta' irħula fil-viċin. B'hekk servizzi mediċi joħorġu miċ-Ċentri tas-Saħħa u jersqu aktar qrib il-poplu. Il-Qrendi jgħamel parti min ċirku tar-rħula li jinkludu, l-Imqabba, iż-Żurrieq u Ħal Safi. Il-klinika tal-komunità li taqdi dawn l-irħula hija ċentrallizzata' fiż-Żurrieq. Hawnhekk jingħataw servizzi b'appuntament ta' tabib, infermiera, podjatrija, patoloġija tal-lingwa u diskors, psikoloġija u fiżjoterapija.

Iċ-Ċentru tas-Saħħa ewlieni f'din iż-żona jinsab ġewwa Ħal-Kirkop fejn hemm ukoll faċilita' ta' servizzi mediċi b'appuntamnet kif ukoll servizz ta' tabib u treatment room bħala walk-in.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – TRASFERIMENT TA' PAZJENTI**

**18900. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk pazjenti tal-Isptar Mount Carmel humiex qed jiġu trasferiti f'diversi homes madwar Malta?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont policy li ġiet mħabbra, diversi pazjenti mill-Isptar Monte Karmeli ntbagħtu f'homes.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI F'HOMES**

**18901. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li pazjenti tal-Isptar Mount Carmel qed jinħarġu minn dan l-isptar u jintbagħtu f'homes diversi?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-pass sar bħala parti mill-proċess li ilu li beda diversi snin fejn il-pazjenti li l-marda tagħhom psikjatrika ġiet ikkontrollata iżda minħabba ċertu raġunijiet ma jistgħux jgħixu indipendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – SWALI**

**18902. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk dan l-aħħar kienx hemm swali fl-Isptar Mount Carmel li ġew ikkundannati għax is-soqfa huma perikolużi?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li dan l-aħħar ingħalqet is-Seclusion Ward minħabba problemi strutturali.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL**

**18903. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi ordni biex ma toħroġx informazzjoni dwar is-sitwazzjoni li qiegħed fiha l-Isptar Mount Carmel?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda ordni biex ma toħroġx informazzjoni dwar l-Isptar Mount Carmel.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI F'HOMES**

**18904. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pazjenti tal-Isptar Mount Carmel li qed jiġu trasferiti f'homes humiex jirċievu trattament speċjalizzat?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn il-pazjenti qed jingħataw kura inkluż dik speċjalizzata tal-psikjatrija skont il-bżonn individwali tagħhom.

Seduta 238
06/05/2024

**SPTAR MOUNT CARMEL – PAZJENTI F'HOMES**

**18905. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-pazjenti tal-Isptar Mount Carmel li qed jiġu trasferiti f'homes hux ikollhom żjarat minn professjonisti u jekk iva kull meta?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li dawn il-pazjenti qed jiġu invistati mill-professjonisti jew fil-homes stess, jew fil-kliniċi tas-saħħa mentali jew fil-kommunità skond il-bżonnijiet tagħhom.

Seduta 238
06/05/2024

**SUMMER CATCH UP CLASSES – SERVIZZ TA' LSE**

**18919. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fis-summer catch up classes offruti mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ma jiġix provdut is-servizz ta' LSE?

29/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn il-klassijiet tinżamm medja ta' 8 studenti u b'hekk l-għalliem jipprovdi attenzjoni individwali lil kull student.

Seduta 238
06/05/2024

**RABAT, MALTA – BUS STOP 6361**

**18920. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li jsir stage li jkun fih bank u lqugħ mill-elementi fejn bus stop 6361 fir-Rabat, Malta li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-BAĦRIJA – TRIQ IS-SAJF TA’ SAN MARTIN - MERA**

**18921. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid meta se teħel mera li kienet tneħħiet sitt xhur ilu u ma reġgħetx saret fejn bus stop Bajdar, fi Triq is-Sajf ta' San Martin, il-Baħrija?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-mera msemmija f’din il-mistoqsija parlamentari ser tkun qed titwaħħal.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-BAĦRIJA – TRIQ IS-SAJF TA’ SAN MARTIN - MERA**

**18922. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid meta se teħel mera li kienet tneħħiet sitt xhur ilu u ma reġgħetx saret fejn bus stop Bajdar, fi Triq is-Sajf ta' San Martin, il-Baħrija?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat li għaddej il-proċess tal-akkwist tal-mera fi Triq is-Sajf ta' San Martin fejn il-Bus Stop Bajdar u li din ser titwaħħal ladarba din tkun disponibbli.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-BAĦRIJA – TRIQ IT-TIN KANTUNIERA MA’ TRIQ IL-QASTAN - MERA**

**18923. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid meta se teħel mera li kienet tkissret xi xhur ilu u ma reġgħetx saret fi Triq it-Tin kantuniera ma’ Triq il-Qastan, il-Baħrija?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat li l-mera msemmija mill-Onor. Interpellant diġà twaħħlet.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-BAĦRIJA – SINJALI TA’ DIREZZJONI FIL-PJAZZA**

**18924. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista’ l-Ministru jgħid meta se jerġgħu jsiru s-sinjali ta' direzzjoni li kienu jindikaw direzzjonijiet diversi li kien hemm fil-Pjazza tal-Baħrija qabel ma tmur il-bandli?

29/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f’seduta oħra.

Seduta 238
06/05/2024

**MALTA PHILHARMONIC ORCHESTRA - SEJĦIET**

**18928. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ħarġitx call fuq il-gazzetta tal-Gvern biex jintgħażel it-team artistiku l-ġdid u anke dak tal-Kap Eżekuttiv tal-Orkestra Filarmonika ta' pajjiżna? Jista’ jgħid id-data u kemm damet għall-attenzjoni tal-pubbliku? Jista’ jgħid ukoll x’inhu l-pakkett finanzjarju tal-kap eżekuttiv il-ġdid u anke tat-team artistiku separatament?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li fil-ħatra tas-CEO il-ġdid għall-Orkestra Nazzjonali u tat-team artistiku ingħata każ:

(a) Tal-iżviluppi passati fl-orkestra u l-bżonn ta' tisħiħ u żvilupp fl-orkestra fil-futur qrib;
(b) Il-ħtieġa ta' tisħiħ u riforma fl-istruttura amministrattiva u artistika tal-orkestra;
(ċ) Tal-kapaċitajiet u t-talenti li huma disponibbli b'mod immedjat sabiex titkompla l-ħidma sfieqa b'risq l-Orkestra tagħna.

Is-CEO inħatret skont metodi u prassi stabbiliti, li ilhom jintużaw fis-settur pubbliku għal ħatriet simili. Il-persuna magħżula għandha l-kwalifiċi, ħiliet u l-esperjenza maniġerjali meħtiega biex taqdi dmirijietha fil-kariga tagħha.

Iż-żewg persuni Maltin li nħatru fit-team artistiku ilhom jagħtu l-kontribut tagħhom kemm lill-MPO stess jew entitajiet mużikali oħra pubbliċi u privati għal-numru ta' snin. Il-Ministeru ħass li fiċ-ċirkostanzi preżenti tal-Orkestra, jagħmel sens illi dawn ikomplu jagħtu sehemhom billi jinħatru fit-team artistiku tal-Malta Philharmonic Orchestra (MPO). Il-persuna barranija hija awtorita' fil-qasam mużikali klassiku b'esperjenza vasta f'karigi simili ma' entitajiet u orkestri prestiġjuzi.

Il-persuni magħżula għandhom il-ħiliet, l-esperjenza mużikali u merti artistiċi tajbin u jirrappreżentaw perjodi u xejriet differenti fil-qasam tal-mużika klassika u dik kontemporanja u l-mużika Maltija li ghandhom jappellaw għall-firxa wiesa' u nklussiva tal-udjenzi tal-MPO. Dawn, flimkien mal-conductors tal-MPO, il-Prinċipal tal-MPO u oħrajn, għandhom ikunu f'pożizzjoni li joħolqu viżjoni u strateġija għall-iżvilupp artistiku u ta' kwalita' tal-Orkestra Nazzjonali ghat-tlett snin li gejjin.

Il-ħsieb hu li nagħtu l-opportunitajiet sabiex min għandu talent u l-ħiliet meħtieġa u ta' kwalita, jingħata l-opportunità li jikkontribwixxi lejn il-qasam mużikali b'mod inklussiv.

Għall-quddiem, il-persuni fit-team artistiku se jibdew jintagħżlu b'mod kompetittiv, wara sejħa pubblika.

Informat li l-pakkett finanzjarju tal-Kap Eżekuttiv il-ġdida hu l-istess pakkett finanzjarju li kellu l-aħħar Kap Eżekuttiv.

Fir-rigward tat-tim artistiku dan se jitħallas kif ġej:

Mro Paul Abela u Dott. Mario Frendo: 15,000 ewro fis-sena
Umberto Nicoletti Altimari: 17,400 ewro fis-sena

Seduta 238
06/05/2024

**MALTA PHILHARMONIC ORCHESTRA U EUROPEAN FOUNDATION FOR SUPPORT OF CULTURE - FTEHIM**

**18929. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tas-somma totali ta' flus li bbenefikat minnha l-Malta Philharmonic Orchestra, sena b'sena, minn meta kien iffirmat il-ftehim bejnha u bejn il-European Foundation for Support of Culture?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 238
06/05/2024

**MALTA PHILHARMONIC ORCHESTRA - NEFQA**

**18930. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fejn intefqu l-flus kollha li l-Malta Philharmonic Orchestra ħadet mingħand il-European Foundation for Support of Culture minn meta sar il-ftehim bejniethom?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lil-Onor Interpellanta għar-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 18929.

Seduta 238
06/05/2024

**EUROPEAN CAPITAL CITY OF CULTURE**

**18931. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont u aġġornament dwar il-kandidatura ta' pajjiżna għall-European Capital City of Culture li jmiss?

29/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li lura f'Novembru tal-2020, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta (responsabbli skond LN427/2018 sabiex 'tikkoordina l-proċess ta' offerti għat-titolu li jmiss ta' Belt Kapitali tal-Kultura għall-gżejjer Maltin') organizzat avveniment dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031, li għalih ġew mistiedna r-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali kollha.

Wara dan l-avveniment, f'Jannar tal-2021, l-Aġenzija ippublikat *Espressjoni ta' Interess Preliminari*li permezz tagħha r-Reġjuni (rappreżentati minn belt) setgħu jirreġistraw l-interess tagħhom sabiex jikkompetu għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031. Din is-sejħa għalqet fl-aħħar ta' Marzu 2021 u għaliha daħlu żewġ applikazzjonijiet; waħda mir-Reġjun Port (rappreżentat mill-Birgu) u oħra mir-Reġjun ta' Għawdex (rappreżentat mir-Rabat Għawdex).

Aktar tard dik is-sena, f'Settembru tal-2021, l-Aġenzija organizzat ukoll seminar ta' informazzjoni lir-Reġjuni li wrew interess, li għalih ġew ukoll mistidnin esperti minn barra minn Malta li kienu involuti fil-Kapitali Ewropea tal-Kultura tul is-snin.

Għaldaqstant, il-kandidatura ta' pajjiżna għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura li jmiss tinsab fi stadju ta' progress.

Seduta 238
06/05/2024

**MEMORANDUM OF UNDERSTANDING - GRAWNDS TAL-FUTBOL**

**18932. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18862 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid meta jiġi onorat il-Memorandum of Understanding (MoU) li kien sar qabel l-Elezzjoni Ġenerali li għaddiet bejn il-Gvern, u l-klabbs li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, fejn kemm il-grawnd tal-Imtarfa kif ukoll il-grawnd il-ġdid li kellu jsir (mhux fir-Rabat) viċin l-iskola Sekondarja San Nikola, f'Ħad-Dingli, jgħaddu f'idejn dawn l-imsemmija klabbs rispettivament?

29/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija paramentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**ĦLAS TA’ FLUS EX GRATIA**

**18933. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18863 u jgħid jekk matul is-snin 2013 u 2024 tħallsux flus bħala ex gratia mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, lil xi ħaddiem, Kap Eżekuttiv, Chairman, jew persuni oħra ingaġġati minnu? Jekk iva, jista' jgħid lil min, kemm kien l-ammont ta' flus li ngħata u għal liema raġuni?

29/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-snin imsemmija ħlas ta’ flux ex gratia jammonta għal €182,688.32. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li għal fini ta’ sigurta u privatezza, informazzjoni ulterjuri mhux ser tiġi ppubblikata.

Seduta 238
06/05/2024

**SIĠĠIEWI - SKOLA PRIMARJA - UŻU TA’ PIXXINA**

**18935. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17832, 18131, 18574 u 18742 u jgħid għalfejn il-pool tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi għal dawn l-aħħar xhur mhuwiex jintuża bl-istudenti jkollhom imorru f'faċilitajiet oħra biex jipprattikaw l-għawm, filwaqt li anzjani Siġġiwin qegħdin jiġu mċaħħda minn dan is-servizz li kien jiġi offrut?

29/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minħabba numru ta’ raġunijiet il-pixxina eżistenti hi meqjusa*outdated*, is-servizzi li kienu jiġu offruti qed jingħataw minn Ħal Kirkop.
Barra l-aspett ta’ faċilitajiet wieħed irid ukoll jassigura ħaddiema kwalifikati li jassiguraw il-manutenzjoni kif ukoll is-sigura tal-istess faċilitajiet.

Seduta 238
06/05/2024

**ĦADDIEMA B'DIŻABILITÀ - KWOTA**

**18937. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 18579 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u li issa ġiet riferuta lilha u tgħid jekk reġgħetx bdiet tiġi inforzata l-kwota ta’ ħaddiema b'diżabilità f’kumpaniji minn wara l-COVID-19 lil hawn?

30/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**SUWIĊIDJI**

**18938. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suwiċidji f'Marzu u f’April tal-2024?

30/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fix-xhur ta' Marzu u April tal-2024 kien hemm ħames persuni li kkommettew suwiċidju. F'Marzu kien hemm każ wieħed ta' persuna barranija. F'April kien hemm erba' każi, kollha ċittadini Maltin.

Seduta 238
06/05/2024

**SUWIĊIDJI MINN PERSUNI BARRANIN**

**18939. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suwiċidji minn persuni barranin f'Malta, f'Marzu u f'April tal-2024?

30/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18938.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSUNI LI RĊEVEW PAKKETT TA' IKEL**

**18943. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 5978 u 4245 u jgħid kemm-il persuna bbenefikat u rċeviet pakkett ta' ikel ipprovdut mill-Gvern mill-Fond Konsolidat matul is-sena 2022? Jista' l-Ministru jgħid min huma dawk li jikkwalifikaw għal dan l-ikel?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSONALIZED DISABLED RESERVED PARKINGS**

**18974. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex permessibbli li jsiru żewġ personalized disabled reserved parkings maġenb xulxin?

30/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma teżisti l-ebda regola kontra li jsiru parkeġġi personalizzati ħdejn xulxin u dan għas-sempliċi raġuni li parkeġġ riservat personalizzat isir għall-persuni li jew ikunu Habitual Wheelchair Users jew li għandhom Uncontrolable Behaviour u allura jkun importanti li l-parkeġġ ikun viċin kemm jista' jkun tar-residenza.

Seduta 238
06/05/2024

**PERSONALIZED DISABLED RESERVED PARKINGS**

**18976. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex permessibbli li jsiru żewġ personalized disabled reserved parkings maġenb xulxin?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI - TALBIET GĦALL-KUSTODJA TA' PROPRJETAJIET**

**19004. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba għandha pendenti quddiema s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għall-kustodja ta' proprjetajiet u jelenka lista bl-isem ta' kull proprjetà? Għal kull proprjetà li għaliha saret talba għall-kustodja, jista' l-Ministru jgħid ukoll meta saret kull talba lill-awtoritajiet kompetenti?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Mill-informazzjoni mogħtija lili jirriżulta li s-Sovrintendenza għall-Patrimonju Kulturali għandha 7 talbiet pendenti, liema talbiet ġew riferuti lil Awtorità tal-Artijiet. Hawn taħt hawn elenkat il-lista ta' dawn il-proprjetajiet:

| Isem ta' Proprjetà | Lokalita | Data tat-talba | Data ta' meta t-talba giet referuta lil Awtorità tal-Artijiet | Noti |
|---|---|---|---|---|
| Kapella ta' San Mikiel is-Sancir | Rabat, Malta | April 2019 | 31/07/2020 | Wasal biex jiġi ffirmat |
| Qbajjar Battery / Qolla l-Bajda | Zebbug, Ghawdex | 11/07/2020 | 18/05/2021 | |
| Wied Musa Battery / Palazz l-Ahmar | Mellieha | 13/05/2021 | 03/09/2021 | |
| Razzett tax-Xitan | Mellieha | 13/05/2021 | 03/09/2021 | |
| Lascaris War Complex and Saluting Battery | Valletta | 11/09/2018 | 19/10/2022 | Tinkludi tiġdid |
| Couvre Port Barrack and WWII shelter | Birgu | 19/05/2021 | N/A | Tiġdid ta' Att ta' Kurazija |
| Mithna l-Qadima (Mithna ta' Gesu Nazzarenu) | Mosta | 30//01/2020 | 31/07/2020 | |

Seduta 238
06/05/2024

**FONDI - SKEMA GĦAL TĦAWWIL TA' SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ U LARINĠ**

**19005. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsilli Lokali li jkunu eleġibbli għall-fondi mill-iskema varata biex Kunsilli Lokali jħawlu siġar tal-larinġ u taż-żebbuġ fil-lokalitajiet, humiex se jibbenefikaw minn fondi ulterjuri għall-manutenzjoni tal-istess siġar?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jindirizza din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 238
06/05/2024

**UNLEADED PETROL**

**19006. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-unleaded petrol li jkun importat f'pajjiżna huwiex soġġett għal sorveljanza, speċifikament jekk isirx testjar fuq il-kompożizzjoni tiegħu?

30/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li r-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma jsegwi programm ta' monitoraġġ fuq l-unleaded petrol kif stabbilit mir-Regolamenti Dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

Seduta 238
06/05/2024

**IL-MOSTA - TARĠA GAP - PILLBOX**

**19007. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex il-pillbox li tinsab fiż-żona ta' Tarġa Gap fil-Mosta tkun restawrata peress illi hija miksija graffiti u hemm ħsarat viżibbli fl-istruttura?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li mhux il-kompitu tas-Sovrintendenza li tirrestawra proprjetajiet, l-entità ser tkun qed tispezzjona s-sit sabiex tikkonferma x'miżuri jistgħu jittieħdu, u ser tkun qed tikkomunika ma' entitatjiet u awtoritajiet oħrajn sabiex isiru ix-xogħolijiet neċessarji. Ta' min jirrimarka li din il-*pillbox* hija waħda minn ħafna eżisenti fil-gżejjer Maltin.

Seduta 238
06/05/2024

**INITIAL INVESTMENT PLAN**

**19008. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14957, 16266 u 17239 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-'Initial Investment Plan' imsemmi fil-ftehim bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-iskola li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

30/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 238
06/05/2024

**IS-SIĠĠIEWI - TRIQ IL-GIRGENTI - XOGĦLIJIET**

**19015. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitlesta x-xogħol fi Triq il-Girgenti (bejn Triq ta' Djar il-Baqar u Triq Ta' Għajn il-Kbira / Triq Ta' Lawrenti) li ilu sejjer madwar 8 xhur?

02/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ mistenni jkun lest fil-ġimgħat li ġejjin. Ezatt wara tibda t-tieni fażi ta' xogħlijiet li jkopri xogħol ta' rikonstruzzjoni tat-triq.

Seduta 238
06/05/2024

**IS-SIĠĠIEWI – XOGĦOL INFRASTRUTTURALI**

**19016. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol infrastrutturali ta' toroq hu ppjanat li jsir fit-toroq tas-Siġġiewi, u għal kull xogħol jindika meta ser jibda u jitlesta?

02/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Pjan ta' Ħidma mal-Kunsilli Lokali, l-kunsill tas-Siggiewi talab it-toroq segwenti; P/o Triq Santa Margerita, P/o Triq Pawlu VI., Triq L-Imdina, Triq Annabelle Vassallo, Triq Imqabba, Triq Il-Knisja Qadima, Girgenti Junction, Triq Blat Il-Qamar, Triq l-Ghid, Triq Tabib Nikola Zammit, Triq Il-Muza, Triq Salvu Borg Olivier u P/o Triq Zernieq.

Għaldaqstant Infrastruttura Malta skattat il-proċess ta' koordinazzjoni mall-entitajiet varji, liema proċess ta' konsultazzjoni jibqa għaddej u fejn jkun hemm bżonn jiġi mġedded minn żmien għal żmien, sa ma tinbeda it-triq partikolari. Infrastruttura Malta se tkun qed tibda xogħolijiet ta' dawn it-toroq minn din is-sena, 2024, b'mod susseggwenti sabiex tillimita l-inkonvenjent f'kull lokalità. Meta dawn joqorbu it tlestija, Infrastruttura Malta terġa tniedi proċess ta' konstultazzjoni mall-kunsill rispettiv għal xogħlijet oħra.

Seduta 238
06/05/2024

**KORS TA' VETERINARJI**

**19047. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda jiġi offrut il-kors ta' veterinarju f'Malta?

02/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Kif diġa ġie mħabbar, il-kors tal-mediċina veterinarja ser jibda' jiġi offrut mis-sena skolastika li jmiss.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – OBBLIGI LEJN IL-PILOTI**

**19063. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-obbligi min-naħa tal-Gvern u/jew tal-Air Malta rigward il-piloti li kienu impjegati magħha meta din għalqet? Jista' jgħid ukoll, minn fejn joriġina dan l-obbligu?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-azzjoni li ttieħdet mill-Gvern matul il-proċess kienet dik li nizguraw li pajjiżna jibqa' jkollu linja nazzjonali ta' l-ajru.

Fl-istess waqt ridna nizguraw li l-kumpanija l-ġdida jkollha l-ħaddiema neċessarji b'kundizzjonijiet li jirriflettu dawk tas-suq. Ngħarraf ukoll li n-nefqa nvoluta fir-rigward tal-iskemi ġiet ippublikata fl-estimi u approvata mill-Parlament. Inżid ukoll li tali nefqa ġiet skrutinizzata minn awdituri indipendenti.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – PILOTI - KUNTRATTI**

**19064. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti kollha individwali, mingħajr dettalji personali, bl-informazzjoni li ma tmurx kontra l-GDPR, bejn piloti li kienu mal-Air Malta u l-Gvern u l-KM Malta Airlines (KMMA)?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19063.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – PILOTI - KUNTRATTI**

**19065. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt ġie ffirmat ma' kull pilota mill-Gvern flimkien mal-kumpanija KM Malta Airlines (KMMA)? Jista' jgħid jekk huwiex minnu li għamlu diversi kuntratti ma' kull individwu?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19063.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – PILOTI LI KIENU BBENEFIKAW MILL-ERS**

**19066. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw b'kollox dawk il-piloti tal-Air Malta li kienu rtiraw bl-early retirement scheme (ERS) u ħadu s-somma bil-quddiem, u kemm kien hemm individwi li bbenefikaw mill-iskema?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19063.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – PILOTI**

**19067. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jispjega fid-detall kif inħadmu s-somom li ħadu l-piloti li kienu mal-Air Malta kif ġej:
i. dawk li bbenefikaw mill-ERS;
ii. dawk li kienu attivi jtiru mal-Air Malta dakinhar li ngħalqet; u
iii. dawk it-33 pilota li rrinunzjaw il-kawża fil-Qorti kontra l-Prim Ministru ta' Malta?
Jista' jgħid ukoll f'kull każ l-ammont globali li ħadu u fuq kemm-il kuntratt inħadmet is-somma?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19063.

Seduta 238
06/05/2024

**AIR MALTA – PILOTI**

**19068. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux minnu li kien hemm piloti fuq kuntratt definit mal-Air Malta, li ffirmaw il-kuntratt u ntlaħaq qbil magħhom fuq l-ammonti li għandhom jieħdu qabel ma l-kumpanija waqqfet l-operat tagħha? Jekk dan hu l-każ, jista' jispjega għalfejn ingħataw il-possibilità ta' kumpens u jekk dan joħroġx minn xi garanzija li hemm fil-ftehim li kien sar mal-Airline Pilots Association Malta (ALPA)?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19063.

Seduta 238
06/05/2024

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET BIL-MIKTUB

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**150. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor.Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W129.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, L-UGWALJANZA, IR-RIFORMI U D-DJALOGU SOĊJALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**151. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, Ugwaljanza, ir-Riformi u Djalogu Soċjali: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirrferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari W130.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**152. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W131.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**153. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W132.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**154. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija parlamentari W133.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**155. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W85.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**156. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W135.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**157. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi l-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari W136.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**158. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W88.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**159. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari W89.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**160. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W139.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**161. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W91.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**162. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru tagħha inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W92.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**163. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentaru W142.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**164. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari W94.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**165. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija paramentari W95.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**166. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W145.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**167. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16408.

Seduta 238
06/05/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**168. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2024?

30/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W98.

Seduta 238
06/05/2024